Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 – Il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 10, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Skema ta Impjieg Inklussiv fil Komunità – L-intervisti lill-applikanti saru nhar it-28 ta' Diċembru, 2012 fit-3.00 pm. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-preżenti li Aaron Portelli mhux se jattendi għal din l-intervista peress li beda jaħdem mall-Kunsill ta' Kerċem fuq din l-istess skema. L-applikant l'ieħor kien Coronato Vella, li attenda għal-intervista. Is-sinjur spjega li huwa għandu diversi problemi f'dahru, fejn fosthom ma jistax jerfa u jagħmel ċertu xogħol kif ukoll li tul il-ġurnata irid jistrih tal-inqas siegħa. Is-Sinjur għadda ċ-ċertifikat tat-tabib, li fuqu kien hemm spjegazzjoni tal-kundizzjoni tiegħu.

     Wara diskussjoni tul il-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li Coronato Vella mhux addatat għax-xogħol li jixtieq il-Kunsill u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma b'dan lill-ETC u ġġib il-lista tal-part 3 mill-ETC.

   - Eco-Truck – is-Sindku qal illi dan wasal il-Kunsill nhar l-20 ta' Diċembru, fejn saret ċerimonja bil-Ministru għal-Għawdex tippreżenta t-truck lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għal fini biex jinġabru l-flus mill-EKO Għawdex aktar malajr, il-Kunsill iħallas il-

100% tal-ammont li jiswa u mhux 60% issa, u 40% wara 3 xhur. Dan il-ħlas isir wara li dan it-truck jiġi ċċertifikat mill-Engineer. Il-Kunsill iddeċieda li dan it-truck ma jiġix użat min terzi persuni.

- Is-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu mas-Sur Colero, General Manager tal-Hotel Calypso fejn dan qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsilli biex nagħtu informazzjoni fuq l-attivitajiet kulturali li jittellew fir-raħal, fejn imbagħad huwa jkun jista jirreklama bihom lit-turisti.
- 30 ta' Novembru – saret laqgħa mac-CEO tal-MEPA, fejn attendew is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Scerri. Ic-CEO, is-Sur Ian Stafrace irrealizza li kien hemm dewmien żejjed fil-proċess ta' dan il-permess u wiegħed li se jagħmel min kollox biex il-proċess jitħaffef.
- Laqgħa ma Sarah Attard, Uffiċċjal Eżekuttiv – is-Sjr. Attard attendiet din il-laqgħa biex il-Kunsill ikun jista jiddiskuta l-proposta tagħha li jinfetah il-post t' Assistent Principal. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għalissa ma jħossux li għandu bżonn li jiftaħ dan il-post peress li l-applikazzjoni għal-post ta' Uffiċċjal Eżekuttiv kienet ila biss 7 xhur li nfethet. Il-Kunsilliera qablu ma dan u għalhekk ma ħassx li din it-talba tiġi milqugħa
- Korrispondenza mill-MEPA fuq l-applikazzjoni għall- minor amendment fuq l-Għajn tal-Hasselin – il-Mepa m'aċċettatx din it-talba u talbet biex issir applikazzjoni ġdida oħra. Is-Sindku spjega li l-perit Scerri ġie nfurmat b'dan u għalhekk għamel applikazzjoni oħra ġdida lill-MEPA.
- Transport Malta – approvazzjoni tal-*junction* fiz-zona tal-Gudja. Il-Kunsill evalwa sew l-pjanta kif ġiet emendata mill-perita ta' Transport Malta iżda ma qabilx magħha. Għalhekk qed jipproponi li l-parti tas-sinjal abjad jinqata biex ikun hemm aċċess min Triq Kemmuna għal-Triq Gudja u min Triq Gudja għal-Triq Gudja. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat dawn l-emendi lill-Transport Malta.
- Ittra bl-avvukat rigward *leakage* tal-ilma f'residenza fit-Triq Simirat. Is-Sindku qal li l-avukata tal-Kunsill irrispondiet li l-Kunsill m'hux responsabbli min dan il-*leakage*. Is-Segretarju Eżekuttiv baghtet email ukoll lis-Sur Riolo mill-WSC biex jergġħu għal darba oħra jsiru xi testijiet ta' dan l-ilma f'din il-parti tat-triq.
- Kompetizzjoni tat-tiżjin tat-twieqi u tal-presepji – 3 applikazzjonijiet għat-tiżjin tat-twieqi u 7 għal-presepji. Is-Sindku, flimkien ma' membri Hbieb tal-Presepji għandhom iżuru dawn ir-residenzi, biex wara joħorġu l-klassifika. Il-Kunsill iddeċieda li jagħti r-rigali fil-laqgħa li jmiss.
- Proposta mis-Sindku biex jingħata rigal t'inkuraġġament lit-tifla Leah tal-progress kbir li għamlet fil-marda serja li kellha, fejn issir stedina lill-familja diretta tagħha ukoll. Il-Kunsill iddeċieda li din issir nhar l-10 ta' Jannar fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fis-6.00 pm.
- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rendikont tal-ispejjeż tal-bini u xogħol ta' irfinar fic-Ċentru Ċiviku għat-talba ta' Larry Buttigieg – is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja ta' dawn lill-preżenti.

## 4. Pjazza

Is-Sindku qara l-ittra li rċieva l-Kunsill mis-sur Gusman, wara l-email li s-Segretarju Eżrekuttiv baghtet lill-Dun Eddie Żammit biex jissotomettu l-kuntratti neċessarji lill-Avukata tal-Ministru għal-Għawdex. Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għal-ammont ta' kliem miktub li ma kienux jirriflettu il-verita f'din l-ittra tas-sur Gużman.

Is-Sindku qal li mill-informazzjoni li għandu min għand l-Avukata Tatienne, il-Kurja bagħtu l-kuntratt emendat lill-Ministeru, fejn fuqu ġew emendati l-kelma "Pjazza" u għandhom isiru wkoll xogħlijiet fuq iz-'zuntier'. Kien hemm ukoll li l-attivitajiet iridu jsiru bil-permess min qabel tal-Arċipriet, li għandha ssir rampa għal korozzi u taraġ fil-ġemb tal-Pjazza sabiex il-karozzi tat-tiġijiet, tal-mejtin u tal-armar ikunu jistgħu jidħlu fuq il-Pjazza kull meta jkun hemm xi okkażżjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-preżenti li l-Kunsill m'hu infurmat bl-ebda korrispondenza li saret bejn il-Kurja u l-Ministeru. Is-Sindku jaf din l-informazzjoni għaliex min jeddu mar fejn l-avukata biex isir jaf bl-iżviluppi.

Is-Sindku qal li llum stess mar fl-uffiċċju tal-avukata Tatienne, u hi stqarret li wara li tkelmet mal-Ministru u s-Segretarju Permanenti fuq dan il-proġett, ġie deċiż li peress li l-Budget tal-Gvern Ċentrali m'għaddiex, sfortunatament il-Ministeru kellu jwaqqaf dan il-proġett minn naħa tiegħu għalissa għax ma kienx fadal flus biex issir il-Pjazza. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li l-Kurja kienet għadha ma bagħtetx il-kuntratti tat-titolu tal-pjazza, wara li kien ilhom kważi 3 snin jiġu mitluba mill-avukata. Is-Sindku qal li l-avukata infurmat lis-Sur Gusman b'din id-deċiżjoni tal-Ministeru.

Il-Kunsill iddeċieda li jirrispondi li s-Sur Gusman li minħabba dewmien żejjed minn naħa tal-Kurja biex isir ftehim fuq dan il-proġett, il-Ministeru taħt dan il-Gvern preżenti wasal f'punt li ma jistax jikkommetti ruħu aktar għal-għajnuna ta' flus. Jinforma wkoll lis-sur Gusman li l-Kunsill għandu allokat ammont sostanzjali ta' fondi għal dan il-proġett tal-Pjazza u f'dan l-istadju għandu bżonn kopja tal-kuntratti tat-titolu tal-art tal-Pjazza, għax jista jirriżulta li dawn il-flus jintilfu. Jekk dan il-kuntratt ma jasalx, il-Kunsill ma jkellux triq oħra ħlief li jonfoq dawn il-flus fuq proġetti oħra. Jitniżżel il-fatt ukoll li dan hu l-istess kuntratt li ilu jiġi mitlub kemm mill-Kunsill kif ukoll mil-Ministeru għal diversi snin.

## 5. Ta Passi

Fil-5 ta' Diċembru, l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA fejn qed titlob li biex tittieħed deċiżjoni fuq dan il-proġett hemm bżonn l-*Environment Impact Assessment report* iżda fl-istess ħin l-ittra qed tgħid li fil-prinċipju d-Dipartiment tal-Ambjent fil-MEPA m'hix qed taqbel mal-proġett u għalhekk m'hemmx bżonn li jsir dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex jingħataw it-*terms of reference* mill-MEPA biex tkun tista iġġib stima ta' kemm jiġi jiswa dan ir-rapport, iżda l-MEPA ma tridx tagħti dawn għalissa. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għal-laqgħa mal-uffiċċjali tal-MEPA fi ħdan it-taqsima tal-Ambjent biex jiġi spjegat eżatt x'hemm bżonn li jsir mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li nhar is-27 ta' Diċembru l-Kunsill irċieva mill-uffiċċjal tal-MRRA, fejn aċċettaw li jagħtu l-estenzjoni li jiġi ffirmat il-kuntratt fuq dan il-proġett sal-11 ta' Jannar 2013, bil-patt li l-permess tal-MEPA irid ikun ħareġ sa din id-data. Is-Sindku qal li din id-data kienet qasira wisq u mpossibli sabiex ikolna l-permess f'idejna. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma f'dan lill-MRRA. Madanakollu, il-Kunsill xorta iddeċieda li jmur għal-laqgħa mar-rappreżentant tal-Ambjent tal-MEPA u jibqa' jaħdem li joħroġ il-permess.

## 6. Talbiet u suġġerimenti mill-istudenti tal-Iskola Primarja tar-raħal.

Is-Sindku rċieva dawn it-talbiet waqt żjara li kellu mal-istudenti fl-iskola ftit jiem qabel.

- Hemm xi mezz biex il-pannelli solari ta' fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċivku jiġu wżati wkoll mill-iskola tagħna? – is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet illi dawn il-pannelli anqas biss huma biżżejjed għal-użu tal-Kunsill. It-talba għalhekk ma ġietx milqugħa.
- Tista' ssir Clean Up Day fejn aħna l-istudenti mmorru f'postijiet partikolari fir-raħal tagħna u nnaddfuhom? – il-Kunsill qabel ma din il-proposta
- Jista jingħata permess biex il-ħamrija li hemm wara c-Ċentru Ċiviku tiġi użata minn l-istudenti biex jitħawwlu siġar u pjanti – il-Kunsill qabel li jgħin biex jinxtaw il-pjanti u siġar.
- Kieku jinxtraw aktar kotba moderni bil-Malti għall-librerija, aħna jkollna aktar għażla – is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawn l-aħħar sentejn inxtraw ħafna kotba bil-Malti, fuq il-lista li pprovda l-librar.
- Ilkoll nixtiequ li fil-klassijiet tagħna jkollna ambjent sabiħ. Nixtiequ ferm li fil-klassijiet tagħna jkollna aktar pjanti. B'hekk inkunu qed insebbħu l-ambjent tal-klassi u fl-istess hin nitgħalmu kif nieħdu ħsieb il-pjanti. Nieħdu ferm pjaċir jekk il-Kunsill Lokali jiprovdilna mezzi biex nakwistaw dawn il-pjanti – il-Kunsill qabel li jipprovdi żerriegħa/xitel biex jitħawlu f'pots fil-klassijiet.
- Fil-ġranet kesħin tax-xitwa jagħmel ħafna ksieħ u xita. Xi kultant qabel l-iskola ma jkollniex fejn nistkennu qabel ma ċċempel l-qanpena u nidħlu l-iskola. Nixtiequ ferm li ssir tinda mit-triq għal-bieb tal-iskola ( fil-passaġġ ) biex b'hekk meta jkun il-ksieħ u xita nistkennu taħtha u ma noqogħdux fil-bard. - Il-Kunsill ġa beda jaħdem biex issir din it-tinda u qed jaħdem fuqha il-perit tal-Kunsill.
- Fir-raħal taghna għandna 2 postijiet li ftit li xejn nagħtuhom importanza. Dawn huma t-tempji Neolitiċi ' l-Imrejżbiet u Borġ Għarib'. Hawn insibu ġebel antik ħafna li jinsab fl-għelieqi fit-triq Borġ Għarib u triq Bengħażi. Fi żmien ilu ħafna, dawn il-ġebel kienu jiffurmaw parti minn tempju. Illum dawn il-postijiet huma mitluqin. Nixtiequ ferm li dawn il-postijiet jiġu rranġati mhux biss għalina imma wkoll għat-turisti li jiġu jżuru r-raħal tagħna. Dawn huma postijiet interessanti u maghhom hemm marbutin leġġendi sbieh – ma jista jsir xejn għax dawn it-Tempji qeghdin fuq propjeta privata. Is-Sindku qal li dawn it-Tempji ġew skedati Class 'A' mil-MEPA fuq talba tal-Kunsill.
- Ahna t-tfal inhobbu hafna naqraw pero nixtiequ li fil-librerija tal-klassi u tal-iskola jkollna aktar kotba bil-lingwa Maltija – fil-librerija tal-Kunsill hemm diversi kotba bil-Malti, izda nistghu ninvestu aktar
- Sur Sindku, tista jekk jogħgbok xi darba tisponsorjalna 'bus' sabiex inkunu nistgħu nduru dawra ma'Għajnsielem u naraw postijiet ta' interess li qatt ma rajna qabel – il-Kunsill ma qabilx għax il-postijiet ta' interess jistgħu jintlaħqu bil-mixi f'ħin qasir.
- Aħna nħobbu ħafna naqraw. Tista' tisponsorjalna kotba sbieħ għalina t-tfal – il-Kunsill ma jistgħax jagħti kotba b'donazzjoni lill-ħadd, pero ser isir aktar investiment ta' kotba fil-librerija.
- Jistgħu jiġu nstallati aktar recycle bins fir-raħal tagħna, jiġifieri jkun hemm post ieħor b'recycle bins minbarra dawk li jinsabu fil-pjazza ta' ħdejn Ta' Passi – diġa hemm 2 postijiet oħra fir-raħal, li huma ż-żona tal-Gudja u fit-Terminal tal-Mġarr.

7. **Insurance**

Il-Kunsill qabel li jġedded l-insurance tal-Kunsill mal-Compass Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li trid tagħmel xi tibdil fil-polza, peress li issa għandna c-Ċentru Ċiviku.

8. **Polza t'assigurazzjoni tas-Saħħa**

Il-Kunsill qabel li din isir bħas-snin l-imgħoddija fuq il-proposta tal-AKL.

9. **Customer care**

- *Bring in sites* f'tal-Gudja biex jitpoġġew f'post ieħor – il-Kunsill qed jieħu konsiderazzjoni ta' din it-talba biex jinstab post ieħor.
- Talba għal-bozza fuq arblu fit-Triq il-Provigarju – approvata mill-Kunsill
- *Pipe railing* fit-Triq Mogħdija – il-Kunsill approva din it-talba u qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex tieħu ħsieb tordna din minn għand Edwin Ciantar.
- Permess tas-signs tal-privat fil-Pjazza Madonna ta' Loreto – il-Kunsill ma jistax jagħti dan il-permess.

10. **Materji oħra**

*Peter Caruana*

- bozza tat-taraġ ta' Lourdes – issuġġerixxa li ssir b'*solar* – il-preżenti qablu ma dan.
- Taraġ kbir u zgħir ta' Lourdes biex jitnaddaf
- *Update* tal-mappa ta' Għajnsielem – Paul Stellini ser jerġa` jiġi kkuntatjat.
- Issir *Information panel* fil-Pjazza tad-Dehra – il-Kunsill qabel li din issir fejn tiżdied ukoll l-istorja tal-Għajn tal-Ħasselin
- Skart fit-Triq Cordina – is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja mal-kuntrattur.
- Staqsa lill Fanco Ciangura jekk għandux ir-rendikont tal-finanzji ta' Bethlehem f'Għajnsielem – Franco stqarr li r-rendikont sar, iżda ma sarx skont kif kien mixtieq mill-kumitat tal-Fondazzjoni. Huwa ta d-dokumenti kollha li kellu lil xi membri mill-fondazzjoni biex jiddiskutu mal-accountant sabiex isir kif mixtieq.

*Larry Buttigieg*

- Fadal twaħħil ta' bank fit-Triq Malta – is-Sindku ċempel lill-fornitur dak il-ħin u qallu li l-bank kien lest u ser iġibu u jiwaħħal fil-ġranet li ġejjin.
- Applikazzjoni għal-meter tad-dawl fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-perit Godwin Sultana applika għal-compliance certificate mil-MEPA biex wara tkun tista issir applikazzjoni mal-ARMS.
- Fanal bi ħsara fil-Pjazza Madonna ta' Loreto – is-SE cemplet lill-kuntrattur u tul l-laqgħa dan irranga dan il-fanal u neħħa kull periklu li kien hemm.

*Franco Ciangura*

- Franco ma setax jattendi fl-aħħar laqgħa peress li kellu t-tifel l-isptar u għalhekk qed jipproponi li jiġi skużat. Il-Kunsill qabel ma dan.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Hamis, 24 ta' Jannar fis-4.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-7.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv